MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2223/2003

**Casapinta Design Group Ltd.**
**vs**

**Malcolm Naudi fil-kapacita` tieghu ta’ Chairman u Joseph Vella fil-kapacita` tieghu ta’ Segretarju ta’ The Malta Press Club**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta’ Novembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta’ mija u sittax-il lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm116.73), dovuta mill-konvenuti nomine rappresentanti prezz ta’ porzjoni ta’ « exhibition panels », utilizzati mill-konvenuti nomine u fuq struzzjonijiet taghhom stess, u dana skond fattura li ggib in-numru 7030 ;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 11 ta’ Settembru, 2003, u bl-imghaxijiet legali li jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenuti noe ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu pprezetat mis-socjeta` attrici fil-5 ta' Dicembru, 2003 ghas-subizzjoni tal-konvenuti noe. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuti noe it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti fil-kwalita` taghhom premessa jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sittax-lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm116.73) bl-imghax legali mill-15 ta' Novembru, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuti fil-kwalita` taghhom premessa skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------